**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 68/2020 LM

**Mark Muscat (K.I. nru 409077M)**
*("l-appellant")*

***vs*.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent **Mark Muscat (K.I. nru 409077M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] tat-13 ta' Ottubru, 2020 li permezz tiegħu huwa qed jinterponi appell mid-deċiżjoni parzjali tat-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] tad-9 ta' Ġunju, 2015 fl-ismijiet fuq premessi fil-kwistjoni tax-xogħol każ nru 3272/14/AM, fejn ġiet deċiża t-tieni talba tiegħu [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni parzjali"] u anki mid-deċiżjoni dwar il-mertu

tal-imsemmi Tribunal tat-2 ta' Ottubru, 2020 fl-istess proċeduri fejn ġew deċiżi t-talbiet l-oħra tiegħu [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni dwar il-mertu"].

Rat ir-risposta ppreżentata fit-2 ta' Novembru, 2020 mis-soċjetà intimata **HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"], fejn din qiegħda preliminarjament tissottometti li l-appell odjern ma sarx fuq punt ta' liġi skont kif rikjest mill-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2021 fejn ir-Rikors tħalla għas-sentenza.

Rat id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 425 u anki dak li jipprovdi għalih l-artikolu 173 tal-Kap. 12, u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-imsemmi subartikolu 82(3) tal-Kap. 425, ser tgħaddi sabiex qabelxejn tiddeċiedi dwar l-ammissibilità o meno tal-appell odjern.

**L-aggravji tal-appellant**

L-appellant qed iressaq is-segwenti aggravji quddiem din il-Qorti:

- għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni parzjali, t-Tribunal għandu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar it-tieni talba kif magħmula fir-rikors promotur;
- fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-mertu, it-Tribunal kiser u applika b'mod falz id-definizzjoni tal-kelma *"klassi"* kif definita fil-Kap. 452, u anki l-artikoli 26 u 27, l-artikolu 30 u r-regolament 10 tal-L.S. 452.95, kif ukoll

il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, *pacta sunt servanda* u d-drittijiet fundamentali tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra kull wieħed mill-aggravji li qed iressaq l-appellant fid-dawl ta' dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

*L-aggravju fir-rigward tad-deċiżjoni parzjali*

Hawn l-aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tad-deċiżjoni parzjali, fejn qed isostni li t-Tribunal fil-fatt għandu kompetenza li jiddeċiedi dwar it-tieni talba tiegħu kif imressqa fir-rikors promotur. Dan jgħidu filwaqt li jagħmel riferiment għall-artikolu 27 u għall-artikolu 30 tal-Kap. 452 sabiex jirradika l-allegata kompetenza tat-Tribunal. It-tieni talba tal-appellant ġiet dikjarata bħala waħda *"ġenerika"* mit-Tribunal. Il-Qorti tgħid li hawn ukoll l-aggravju huwa wieħed fejn l-appellant jonqos milli jkun preċiż u jindika liema huwa l-punt tal-liġi li fil-konfront tiegħu qed jippreżenta aggravju dwar il-kwistjoni tal-kompetenza tat-Tribunal. Jgħid li l-kompetenza tat-Tribunal tirriżulta b'mod inekwivoku u b'mod ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, iżda jonqos li jispjega kif dan hu hekk. Għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dan l-ewwel aggravju li l-appellant iressaq fir-rigward tad-deċiżjoni parzjali.

*L-aggravji fir-rigward tad-deċiżjoni finali*

*L-ewwel aggravju*

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal kiser u applika b'mod falz id-definizzjoni tal-kelma *"klassi"* kif definita fil-Kap. 452, hekk kif naqas milli jikkonsidra l-impjegati kollha fil-grad ta' *GCB 5* bħala klassi waħda skont il-liġi. Jissottometti li dan sar minkejja dak li jipprovdi għalih il-ftehim kollettiv. Huwa jagħti d-definizzjoni ta' "*klassi"* skont il-Kap. 452 u jiċċita d-dispożizzjonijiet tal-para. (b) tal-artikolu 26 u l-artikolu 27. Jagħti wkoll id-definizzjoni ta' "*trattament diskriminatorju"* kif tirriżulta fl-istess liġi. Iżda minn hawn l-appellant ikompli billi jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar is-suġġett tal-vertenza, jiġifieri l-allegata diskriminazzjoni riżultanti mid-differenza fiż-żieda o meno fil-paga tal-ħaddiema fil-grad *GCB 5,* liema grad kien meqjus ukoll dak tal-appellant. L-aħħar paragrafu tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tiegħu juri biċ-ċar kemm dan l-ewwel aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni li t-Tribunal għamel tal-fatti li dwarhom kien qed jilmenta r-rikorrent. B'hekk il-Qorti ma ssibx li dan l-aggravju jittratta proprju punt ta' liġi, u fil-verità l-appellant qed iressaq ilment fil-mertu. Għal din ir-raġuni tqis li ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

*It-tieni aggravju*

L-appellant jispjega li t-tieni aggravju fir-rigward tad-deċiżjoni finali huwa li t-Tribunal allegatament kiser u applika b'mod falz id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26 u 27 tal-Kap. 452 fir-rigward taż-żieda fil-paga skont il-prestazzjoni tal-impjegat. Iżda hawn ukoll l-appellant mill-ewwel jitlef it-triq tal-ħsieb u

jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fil-mertu, jiġifieri dwar dak li skont hu kienet sistema diskriminatorja kif applikata mis-soċjetà appellata fir-rigward tal-impjegati kollha, inkluż hu. Il-Qorti hawn għal darb'oħra ma tikkonstata l-ebda punt ta' liġi li dwaru l-appellant qed jitlob deċiżjoni.

*It-tielet aggravju*

Dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-allegat ksur u applikazzjoni falza tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 min-naħa tat-Tribunal, meta dan ikkonsidra biss is-sena 2014 mingħajr ma ħa inkonsiderazzjoni s-snin l-oħra. Jgħid li t-talbiet tiegħu huma intiżi sabiex tiġi rimedjata u tintemm id-diskriminazzjoni sofferta minnu, iżda dan mhux fir-rigward tas-sena 2014 waħedha. Il-Qorti tosserva li l-artikolu 30 tal-Kap. 452 jipprovdi għad-dritt tal-impjegat li jressaq ilment quddiem it-Tribunal, anki għall-mod kif dan għandu jsir u jinstema' u jiġi deċiż. Imma l-appellant ma jagħmel l-ebda sottomissjoni rilevanti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tal-liġi u l-Qorti tgħid li l-fatt li t-Tribunal iddeċieda li jikkonsidra biss is-sena 2014, meta wara kollox l-ilment tressaq proprju f'dik is-sena u ma saret l-ebda talba għal konsiderazzjoni ta' diskriminazzjoni ulterjuri, ma jolqot l-ebda punt ta' liġi iżda jirrigwarda r-riżultanzi li kellu quddiemu t-Tribunal.

*Ir-raba' aggravju*

L-appellant iħoss ruħu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal kiser u applika b'mod falz il-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ma ddeċidiex l-ilmenti kollha tiegħu u ma mmotivax id-deċiżjoni skont il-liġi. Jissottometti li skont kif wieħed seta' jikkonstata mid-deċiżjoni parzjali u anki mir-rikors promotur, mid-dikjarazzjoni

tal-każ tiegħu u Dok 8 esebit fl-atti, huwa kellu diversi lmenti li t-Tribunal għażel li jinjora u dan mingħajr ma pprovda raġuni jew motivazzjoni. Saħansitra anki l-motivazzjoni tat-Tribunal fid-deċiżjoni tal-ilment tiegħu, kienet waħda fqira ħafna. Minn hemm 'il quddiem l-appellant għal darb'oħra jittratta l-mertu, u mingħajr dubju ta' xejn is-sottomissjonijiet tiegħu ma jistgħux skont il-liġi jiġu kkonsidrati minn din il-Qorti. L-istess il-Qorti tgħid fir-rigward tas-sottomissjoni tal-appellant li t-Tribunal skarta diversi lmenti tiegħu, it-Tribunal kellu kull diskrezzjoni li jagħmel l-apprezzament tiegħu dwar il-mertu, liema apprezzament ma jistax jiġi sindakat minn din il-Qorti. L-allegat nuqqas ta' motivazzjoni, anzi skont l-appellant din *"...kienet illogika u inkongruenti għall-aħħar, minbarra li f'ċertu aspetti kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet skorretti u/jew irrilevanti għall-kwistjoni"*, hija ukoll insindakabbli minn din il-Qorti, ġaladarba ma jirriżultax li hemm xi punt ta' liġi li dwaru l-appellant qed jitlob deċiżjoni.

*Il-ħames aggravju*

Dan il-ħames aggravju li qed jitressaq mill-appellant jirrigwarda l-allegat vjolazzjoni u applikazzjoni falza tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* meta t-Tribunal naqas milli jinterpreta tajjeb l-obbligu tas-soċjetà appellata li timxi skont il-meritokrazija, anki kif għandhom jiġu ppremjati l-impjegati għall-prestazzjonijiet tagħhom. Jispjega kif it-Tribunal iddeċieda li fir-rigward tal-prinċipju tal-meritokrazija kien għad hemm klawsola fil-ftehim kollettiv li kienet għadha torbot lis-soċjetà appellata, u għalhekk skont hu, kieku l-imsemmi Tribunal applika l-prinċipju *pacta sunt servanda* kien isib ksur ta' dak

il-ftehim peress li ma kienx ġie mħares il-prinċipju tal-meritokrazija. Għalhekk jirriżulta b'mod ċar li l-ilment tiegħu hawnhekk bl-ebda mod ma jista' jiġi meqjus li jolqot punt ta' liġi, u m'hemmx dubju li għal darb'oħra hawnhekk l-appellant qed jittratta l-mertu tal-każ tiegħu. Għal din ir-raġuni l-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-aggravju tiegħu.

*Is-sitt aggravju*

Hawnhekk l-appellant qed jilmenta mill-allegat vjolazzjoni u applikazzjoni falza tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Iżda mill-ewwel il-Qorti tgħid li dan l-aggravju ma jistax jiġi kkonsidrat minnha, stante li kwistjonijiet ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali huma riżervati għal qrati oħra. Għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan is-sitt aggravju wkoll.

*Is-seba' aggravju*

Dan l-aħħar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-allegata vjolazzjoni u applikazzjoni falza tal-*Council Directive 2000/78/EC* tas-27 ta' Novembru, 2000 kif din ġiet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-L.S. 452.95. Imma għal darb'oħra l-appellant mill-ewwel jintilef f'argument sabiex jirribatti l-fehma tat-Tribunal dwar kwistjoni ta' prova. Fl-ebda sottomissjoni tiegħu ma jirrileva li hemm xi punt ta' liġi li dwaru qiegħed jitlob id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, u għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jiswiex.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell fl-ismijiet fuq premessi.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**